ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 53 IT-TNEJN, 7 TA' JANNAR 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn,7 ta' Jannar 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier
Mattea Sghendo – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Josef Aquilina – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**53/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**53/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Josef Aquilina li ma setax jattendi l-laqgħa minħabba li kien xogħol. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

**53/02/01** **KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL- MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 53**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 53 li nżammet nhar il-Ħamis, 6 ta' Diċembru 2018 minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig ssekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur tminn** Kunsilliera (8) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 51 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**53/03 MISTOQSIJIET LIS-SINDKU**

Ma kienx hemm mistoqsijiet lis-Sindku.

**53/04 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**53/04/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma lill-membri li fil-ġranet li ġejjin se jibda x-xogħlijiet fuq bosta bankini, kif approvat f'laqgħat preċedenti.

53/04/02 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li se jsir xogħol mill-ħaddiema tal-IPSL assenjati mar-Reġjun Nofsinhar, fosthom biċċiet ta' bankina ħdejn Block C Fuq Tal-Blat, fejn se jitneħħew xi konok u minflok se jsir il-konkos.

53/04/03 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li l-Kunsill għadu qed jistenna l-istimi mitluba lill-Perit tal-Kunsill sabiex jiġi ffinalizzat l-Budget 2019.

Is-Sindku nfurma li malli dawn l-istimi jaslu jkun jista' jiġi diskuss il-Budget u fl-istess waqt tinżamm il-laqgħa tal-lokalita'.

53/04/04 Is-Sindku Jesmond Aquilina ppreżenta fuq il-Mejda l-Performance Appraisal Reports tal-Impjegati u tas-Segretarju Eżekuttiv.
Is-Sindku nfurma li fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv l-impjegati se jingħataw fuq Performance Bonus kif ġej;

| | | |
|---|---|---|
| Uffiċjal fi Skala 10 | - | 6% |
| Uffiċjal fi Skala 10 | - | 6% |
| Uffiċjal fi Skala 10 | - | 6% |
| Uffiċjal fi Skala 10 | - | 6% |
| Uffiċjal fi Skala 15 | - | 6% |

Is-Sindku Jesmond Aquilina rrakkomanda li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata *full performance bonus* ukoll, jiġifieri 10%.

Il-Kunsill approva unanimament li l-impjegati u s-Segretarju Eżekuttiv jingħataw *full performance bonus*.

**54/04/05 Tenders – Rapport tal-Evalwazzjoni**

**Tender Public Conveniences**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** poġġa fuq il-mejda r-rapport tal-evalwazzjoni fejn irriżulta li bidder wieħed ġie magħżul għaż-żewġ lots. Is-Sindku spjega li mir-rapport, jidher li l-evalwazzjoni ma saritx sewwa u għaldaqstant ippropona li jsir kuntatt mad-DOC sabiex tingħata gwida sabiex terġa' ssir l-evalwazzjoni, bl-aktar mod ġust u trasparenti, sabiex jiġi evitat xi appell.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-bord tal-evalwazzjoni jerġa' jivverifika u terġa' ssir l-evalwazzjoni, jekk possibli.

**53/05 MOZZJONIJIET**

**53/05/01 MOZZJONI 107/2019 (VII)**

**Il-Kunsillier Marvin Zammit ippreżenta mozzjoni 107;**

Peress li bħala Kunsill nemmnu fit-titjieb kontinwu tal-accessibilità, speċjalment f'żoni tal-periferija, qed nipproponi li l-Kunsill għandu jikkunsidra (jara hux vijabli u permessibli) li jsir pont għal-persuni (mhux vetturi) fil-wied (Triq il-Wied) fiż-żona ta' bejn il-ground u iċ-ċimiterju. B'dan il-mod jingħata aċċess aħjar u aktar sikur lil bosta li jkunu jridu imorru il-Qormi FC jew iċ-ċimiterju speċjalment meta tagħmel ix-xita.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda din il-mozzjoni, iżda sjega li l-membri għandhom jifhmu li din iz-zona hija parti mill-iStorm Water u għaldaqstant il-Kunsill kulma jista' huwa li jirrakkomanda lill-Ministeru, għaliex il-wied mhux responsabbilta' diretta tal-Kunsill.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 107/2018.

**53/05/02 Mozzjoni 108/2019 (VII)**

Peress li bħala Kunsill nieħdu ħsieb il-monumenti li hawn fl-beltna, qed nipporponi sabiex isir xogħol ta' tindif fuq il-mafkar tal-vittmi tal-logħob tan-nar li jinsab fi Triq il-Mejjilla.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** issekonda l- mozzjoni.

Is-Sindku Jesmond Aquilina nfurma li dan ix-xogħol jista' faċilment isir mill-ħaddiema tal-IPSL assenjati mar-Reġjun u għaldaqstant il-Kunsill se jkun qed jitlob li jsir dan ix-xogħol minnufih.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 108/2019.

**53/05/03 Mozzjoni 109/2019**

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja** ppreżenta mozzjoni nru 109;

Billi l-Kunsill Lokali jemmen li għandu jħeġġeġ l-parteċipazzjoni attiva fil-komunita' minn ċittadini ta' kull eta';

Billi l-Kunsill Lokali jemmen li għandu jħeġġeġ l-għarfien dwar il-proċessi demokratiċi anke minn ċittadini Qriema ta' eta' żgħira;

Billi ftit tax-xhur ilu, ġiet mnehdija il-Politika Nazzjonali għat-Tfal (National Children's Policy) li tħeġġeġ il-parteċipazzjoni tat-tfal fi proċessi demokratiċi;

Billi l-Kunsill Lokali jemmen li għandu rwol li joħloq l-ispazju biex it-tfal jipparteċipaw fi proċessi demokratiċi bħala parti mill-attivitajiet extra-kurrikulari tagħhom;

Billi l-Kunsill Lokali jemmen li għandu jħeġġeġ l-ideat anke mill-iżgħar ċittadini tal-Lokalita' tagħna;

Billi l-Kunsill Lokali jemmen li għandu joħloq aktar kuxjenza fuq id-drittijiet tat-tfal u temi li jolqtuhom b'mod dirett;

Billi l-Kunsill Lokali jemmen li għandu irewwem l-imħabba u d-dedikazzjoni għall-Lokalita' tagħna fost it-tfal;

Nipproponi li l-Kunsill jagħmel sejħa għal tfal bejn is-7 u 12 –il sena biex jiġi ffurmat Kunsill Lokali għat-Tfal fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi.

Dan il-Kunsill Lokali għat-Tfal ikollu l-irwol li jwassal ideat mit-tfal lill-Kunsill Lokali dwar materji li jinteressawhom, filwaqt li jħeġġeġ lit-tfal jikkontribwixxu fl-organizazzjoni ta' attivitajiet li jkunu jinteressawhom.

Nipproponi li l-Kunsill ikkomunika mal-Kummissarju għat-Tfal biex jiġu organizzati inizjattivi konġunti bejn il-Kummissarju għat-Tfal u l-Kunsill Lokali, fosthom attivitajiet edukattivi dwar id-drittijiet u l-interessi tat-tfal.

Nipproponi li l-Kunsill iressaq proposta lill-Gvern u lill-Kummissarju għat-Tfal biex isir investiment sabiex il-Kunsilli Lokali jwaqqfu Kunsill Lokali għat-Tfal fi ħdanhom fi struttura organizzata, kif fl-aħħar snin, kienu mħeġġa sabiex jitwaqqaf il-Kunsill Lokali għaz- Żgħazagħ u tinħatar persuna kompetenti mat-tfal, sabiex flimkien ma' Kunsillier/a ieħor/oħra mill-istess Kunsill Lokali, jmexxu dan il- Kunsill Lokali għat-Tfal.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 109/2019.

**53/05/03** **Mozzjoni 110/2019**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina ppreżenta mozzjoni nru 110;**

B'referenza għal-linji gwida ġodda dwar ir-regolamenti tal-akkwist li huma effettivi għall-offerti li jiġu ppubblikati mill-1 ta' Jannar 2018 u peress li bdiet sena finanzjarja ġdida.

Nipproponi biex il-Kunsill jifforma Kumitat tal-Aġġudikazzjoni kif ġej:

Chairperson (non-voting): Jesmond Aquilina jew Kunsillier li jiddelega s-Sindku
Bord: Is-Sur Kenneth Brincat bħala persuna teknika u amministrattiva;
Is-Sur Chris Falzon bħala persuna teknika

Accountant tal-Kunsill (f'każ ta' tender ta' accountant jitqabbad accountant indipendenti mis-Segretarju Eżekuttiv)

Nipproponi li Avukat u Perit jitqabbdu biss skont il-ħtieġa u fid-diskrezzjoni tal-Kunsill.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 109/2019.

**53/06 Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-Korrispondenza għall-attenzjoni tal-membri;

**53/06/01 Għaqda Mużikali San Ġorġ M.M**.
Is-Sindku nfurma li offra li jiltaqa' mal-membri tal-Kumitat nhar l-Erbgħa 9 ta' Jannar fis-7 ta' filgħaxija. Is-Sindku nfurma li l-Għaqda qed tipproponi li l-Kunċert ta' Jum Ħal Qormi jinżamm fil-25 t'April'19 u bħala programm jista' jkun imħallat.

**53/06/02 Stima għal tinda mal-kiosk fi Vjal de la Cruz**

Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Marvin Zammit sabiex jiltaqgħu mal-kerrej u jiddiskutu din l-istima, qabel titpoġġa għall-approvazzjoni tal-membri.

**53/07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Diċembru'18.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** ippropona l-approvazzjoni tal-Ħlasijiet.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**53/09 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2019 fis-6.30 ta' filgħaxija, jekk kemm-il darba l-Budget ikun

iffinalizzat.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Jesmond Aquilina | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum 4 ta' Frar 2019.**